TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/123/18/S

Janette Fenech u David Costa
vs
Goldcar Operations Limited

Illum 14 ta'Jannar,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Janette Fenech u David Costa pprezentata fit-30 ta'Lulju,2018 u r-risposta tas-socjeta Goldcar Operations Limited ipprezentata fit-30 t'Awwissu,2018;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u x-xhieda imressqa minnhom u t-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-14 ta'Novembru,2019;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'puncture' li gie jiswa' lir-rikorrenti €350, somma allegatament esagerata apparti depozitu ta' €200 filwaqt li s-socjeta intimata sostniet li l-prezz ta' "tyre" gdid hu ta' €300 muri fid-*Damage/Repair Price List* (Dok C) li giet iffirmata mir-rikorrenti;

Illi jinghad mal-ewwel li d-depozitu ta' €200 gie mhallas mis-socjeta intimata lir-rikorrenti filk-mori ta'dawn il-proceduri kif indikat fil-verbal datat 14 ta'Novembru,2019;

Illi saret ukoll l-allegazzjoni daparti tar-rikorrenti li l-firem fuq Dok C mhumiex veri. Ta'min jninnota illi anki mad-daqqa t'ghajn dawn jidhru differenti mill-firma li hemm f'Dok A;

Illi fir-rigward tat-'tyre', mhuwiex car ghalfejn kellu jinbidel it-'tyre' u li l-ispiza tieghu tkun daqshekk ezorbitanti;

Illi fil-kaz odjern, il-fatt biss li hemm ammont imsemmi f'lista ta'prezzijiet (apparti l-kwistjoni tal-firem) ma jfissirx li mhemmx limitu ghal dak mitlub;

Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-verzjoni moghtija mir-rikorrenti hija iktar verosimili tenut kont tax-xhieda moghtija mill-partijiet;

Illi dan it-Tribunal ihoss li f'kull kaz ta' allegata hsara, ghandhom jittiehdu ritratti ghall-evalwazzjoni sussegwenti inkluz mill-assikurazzjoni;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti se tigi milqugha parzjalment;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Janette Fenech u David Costa filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Goldcar Operations Limited u Jordna lis-socjeta Goldcar Operations Limited tirritorna lura is-somma ta' €280 lil Janette Fenech u David Costa u dan fi zmien gimgha mill-llum u fin-nuqqas, jibdew jiddekorru l-interessi skont il-ligi, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru